KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt

Minuti tal-laqgħa numru tnejn u tmenin (82) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) ) li nżammet nhar is-Sibt, 12 t'Awwissu 2017 fl-10.00am fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Dr Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| | Nikolai Farrugia | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**82.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
Ma kienx hemm.

Il-laqgħa minkejja li kienet imsejħa għal nhar it-Tnejn 7 t'Awwissu, ma saritx għaliex is-Sindku ma' kienetx tiflaħ u l-kunsillieri l-oħra qablu illi tkun trasferita, minflok li ssir mingħajr is-Sindku. Il-cameras xegħelu fl-10.15am x'ħin daħlet Anita Farrugia, filwaqt li Nikolai Farrugia daħal fl-10.20am.

**82.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**
Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu mressqa għal vot minn Paul Spiteri u ssekondati mis-Sindku u kienu approvati b'mod unanimu u ffirmati b'dawn il-korrezzjonijiet:
81.03 Para 9 Inqatgħu il-kelmiet *'u dan qalilha illi għandhom show ieħor minkejja li xorta se jibgħatulna stima'* u ddaħħlu '*ta' Kelma Kelma Nota Nota u dan qalilha li għal Novembru għandhom spettaklu ieħor u qed iħejju għalih u għaldaqstant ma jistgħux jaqduna għal Jum l-Imqabba 2017. Għaldaqstant kien hemm diskussjoni bejn il-kunsillieri u ġie deċiż li għal din is-sena tkun organizzata l-Festa Ravjul mingħajr l-involviment tal-organizzatur'*.
81.03 Para 10 Inqatgħu il-kelmiet '*Paul Spiteri qal illi jmissna nikkomunikaw mal-Go Go Cats filwaqt li Charlene Zammit qalet illi għandna nkellmu lil Joe Demicoli'*.

**82.03 Komunikazzjoni mis-Sindku;**
Ix-**xogħol volontarju** skedat għal nhar il-5.8.2017 fid-Dar Sagra Familja, fl-istitut f'Ħaż Żabbar ma saritx.

It-**tindif ta' quddiem ir-runway fi Triq tas-Sejba** sar. Kien deċiż li l-KLM japplika għal ***sleeping policeman*** **f'Tas-Sejba kantuniera ma' Triq is-Siġġiewi/Triq il-Parroċċa.**

Kien hemm diskussjoni dwar jekk iz-***zebra crossing*** proposta fi **Triq tas-Sejba.** Is-Sindku infurmat lill-KLM li rċeviet korrispondenza minn għand uffuċjali ta' *Transport Malta* fejn ġejna nfurmati li zebra crossing hemmhekk se tkun perikoluża għax m'hemmx bankina u illuminazzjoni adekwata. Il-KLM qabel li jkun avviċinat il-kuntrattur biex jegħmel bankina.

Il-KLM se japplika għal aktar **dawl tat-toroq** mal-Korporazzjoni Enemalta biex tiżdied l-illuminazzjoni fi **Triq tas-Sejba**.

Charlene Zammit semmiet il-**laqgħa** li kellha flimkien mas-SE ma' uffiċjali ta' ***Transport Malta*** nhar id-19 ta' Lulju 2017.

Charlene Zammit staqsiet dwar il-ħarġa tal-**fuljett** li jmiss. Is-SE qal illi dan qiegħed għall-istampar u se jibda' jitqassam.

Fl-**10.45am inqata' l-elettiku**. Is-SE iċċekkja u ra li ma kienx minn tal-Gvern u kien minħabba *overload* fil-*consumer unit*. Wara intervent dak il-ħin is-salva vita żammet u l-provista ġiet lura għan-normal.

Kien deċiż illi nhar l-14 ta' Ottubru tinżamm il-**Festa Ravjul** fit-22 ta' Ottubru diġa' kkonfermawlna sabiex ikun hawn fostna l-***Blood Mobile Unit,*** fit-28 ta' Ottubru jinżamm il-kunċert li fih ikun mogħti Ġieħ l-Imqabba u l-Quddiesa ta' Ringrazzjament issir nhar id-29 ta' Ottubru.

Is-SE se japplika għal **kaxxa tal-parkeġġ** quddiem il-Familja Farrugia fi **Triq Valletta**.

Michel Farrugia ħareġ mill-laqgħa fil-11.00am.

Il-KLM emenda ir-**regolamenti ta' Ġieħ l-Imqabba**.

It-***Traffic Lights*** li kienet imwaħħla minn Transport Malta fil-**By-Pass** minflok iz-zebra crossing issa qiegħda tixhel normali.

Il-laqgħa mal-kumpanija ***Greenpak Co-op*** saret u l-kunsillieri għandhom kopja tal-minuti li ħa s-SE.

Dwar l-oġġezzjoni li għamel il-KLM minħabba li l-**marki tat-traffiku** saru ħżiena mill-kuntrattur ta' Transport Malta fi **Triq il-Friefet**, se tintbgħat *reminder*.

Is-Sindku qalet illi se nitolbu sabiex iz-***zebra crossing lights*** li kien hemm fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija u li nqalgħet tkun imwaħħla fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti kantuniera ma' Triq il-Konvoj.

Sadanittant se nsegwu l-każ tat-talba li għamilna biex **titneħħa** ***z-zebra crossing*** (oħra) fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti viċin il-bitħa tal-mekkanik.

Se nerġgħu nibgħatu *reminder* biex TM issewwi l-**ħofra** li hemm mar-roundabout ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti għax jidher li sfrundat it-triq.

Il-punti mill-minuti ħadu san-12.30pm.

F'dan il-punt is-SE ingħata struzzjonijiet sabiex jibgħat il-***purchase order*** permezz ta' e-mail lill-kumpanija li se tiġbor il-**petizzjoni** dwar il-bini msemmi fil-by-pass li se jostakola l-viżta tal-logħob tan-nar tal-ajru.

Is-Sindku semmiet illi minkejja li hi mhux se tkun tista' tattendi tas-16 ta' Settembru, l-KLM għandu jieħu sehem fil-***Clean Up Let's do it Malta***.

Is-Sindku qalet illi kellmuna xi nies minħabba li qed idejquhom il-***book box*** u l-**bin tal-ħwejjeġ**.

Kien hemm diskussjoni dwar il-kuntratt tal-***Environment Landscapes Consortium*** minħabba l-ħmieġ tal-klieb li jinsab fil-ħamrija fi Ġnien Onġi Onġella.

Dwar il-**kuntratt tal-knis** skont it-*template* li hija *standard* u li ġiet iċċirkulata mal-kunsillieri qabel ma ħareġ it-*tender document*, illum *tender* jirbħu l-orħos offerent u għalhekk ma saret l-ebda'

għażla mill-evalwaturi.

Issemmew l-*e-mails* li qed jintbgħatu tard mill-***generic account*** tal-KLM lill-kunsillieri. Is-SE qal illi għall-*generic account* għandhom aċċess is-SE, l-*Executive Officer u l-Clerk,* u se nippruvaw inġibu aċċess għas-Sindku.

**82.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**
Grace Marie Mallia staqsiet dwar id-deċiżjoni għall-istallar ta' ***sleeping policeman*** fis-*service road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija quddiem il-familja Azzopardi. F'dan il-punt ittieħdet id-deċiżjoni sabiex napplikaw ma *Transport Malta.*

Grace Marie Mallia staqsiet dwar jekk hux possibbli illi l-***Executive Officer*** tibda' tidħol nhar ta' Sibt fit-8.30am u tispiċċa kmieni kif ukoll il-**librara** sabiex nhar ta' Sibt sabiex tidħol fid-9.00pm.

Dwar il-***Go Go Cats***, Paul Spiteri qal illi dawn qed jitolbu €400 u jkun jinkludi il-*pa system* dawn jistgħuh kantanti oħrajn.

Paul Spiteri staqsa dwar jekk l-**istatwa ta' Santa Marija** tal-Pjazza hux se tispostja ruħa minħabba l-proġett tal-Pjazza mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet. Is-SE wieġeb illi kien hemm suġġeriment mis-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju u huwa pprepara l-ittra ta' oġġezzjoni għal firma għax persważ illi l-KLM hu kontra dak propost. Is-Sindku qalet illi kitbet lis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura sabiex il-KLM ikun ikkonsultat u mhux biss infurmat meta jsiru proposti bħal dawn.

**82.05 Żbilanċ Finanzjarju tal-Kunsill sena 2016 (DLG e-mail: 30/6/2017);**

Mil-laqgħa li kellhom is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv mad-Direttur Gvern Lokali dwar l-iżbilanċ finanzjarju 2016, kien determinat illi dawn kellhom żball u l-iżbilanċ hu dak kif ikkalkulat mill-*Accountant* tagħna. L-uffiċjali qalulna illi jekk nibqgħu sejrin kif sejrin se nibqgħu mixjin fit-triq it-tajba.

**82.06 L-applikazzjoni tal-KLM ta' toroq bit-tarmak (DLG thr' Reġjun Nofsinhar)**
Charlene Zammit semmiet l-applikazzjoni li għamel il-KLM biex tissewwa Triq tas-Sejba. Hija qalet illi sa meta ntbagħtet din l-applikazzjoni ma konniex nafu li se ssir mill-Gvern Ċentrali.

**82.07 L-applikazzjoni tal-KLM ta' Attivitajiet Kulturali 2018-2020 (DLG thr' Reġjun Nofsinhar)**
L-applikazzjoni tagħna mad-Dipartiment Gvern Lokali tramite' ir-Reġjun Nofsinhar, dwar l-**attivitajiet kulturali** 2018-2020, kienet bbażata fuq id-debut tal-grupp li qed itella' l-ispettaklu magħruf bħala Kelma Kelma Nota Nota.

**82.08 Deputat Segretarju**
Posposta

**82.09 Laqgħat dwar l-Immaniġġjar tat-traffiku fil-festi u dwar ir-rationalisation (Xatba l-Ħamra)**
Charlene Zammit qalet illi fil-festa ta' Santa Marija 2017, propju lejlieta, il-By-Pass se tkun magħluqa għat-traffiku mil-ħin fejn ikunu eżawriti l-parkeġġi kollha fil-lokal u kien maqbul illi Triq Valletta, Parroċċa u Siġġiewi jsiru *one way* lejn Triq tas-Sejba.

Il-KLM kien infurmat permezz tal-minuti li ħa s-SE bl-iżvilupp li hemm dwar **Tax-Xatba l-Ħamra**. Għal kunsillieri li ma kienux hawn, intqal illi ġew rappreżentanti taż-żewġ soċjetajiet mużikali u matul din il-laqgħa dawn saħqu li jsir appell mill-KLM.

### 82.10 Triq tas-Sejba

Dwar **Triq tas-Sejba**, s-Sindku qalet illi din it-tiswija issa ssewwiet bl-intervernt ta' *Transport Malta.* Hija spjegat illi ix-xogħol kien jinvolvi konkos u bix-xibka u tarmak fuqu. Hija qalet illi minkejja li din tidher li għadha mniżżla, skont il-perit din hija illużjoni ottika.

### 82.11 Il-proġett tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.

Charlene Zammit qalet illi issa li għadda l-proġett tal-**Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ** irridu naħdmu sabiex dan jimmaterjalizza kif diskuss fil-laqgħa tal-KLM. Dan se jkun jikkonsisti *f'outdoor gym* fi Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira.

### 82.12 Rapport Finanzjarju tat-Tieni kwart tas-sena 2017.

Intant kien mifli r-**Rapport Finanzjarju għat-Tieni Kwart tas-sena 2017** u dan kien approvat b'mod unanimu wara li s-Sindku ipproponiet u Paul Spiteri ssekondah.

### 82.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

Kienu approvati b'mod **unanimu l-pagamenti** wara li dawn kienu nominati minn Anita Farrugia u ssekondati minn Paul Spiteri. Fir-rigward tas-siġġu tal-*clerk* inqatgħu minn fuq il-lista l-fornituri bin-numru PAS 535 numri 5 u 6.

### 82.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Kienet posposta l-item tal-agenda **82.08** (deputat segretarju) għal-laqgħa li jmiss li se tkun nhar il-5 ta' Settembru 2017 fis-6.00pm filwaqt li din intemmet fis-1.15pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 5/9/17 minn Dr Charlene Zammit
Segretarju Eżekuttiv Sindku